



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

Brussel, 15 ta' Ġunju 2005

10095/05

PUBLIC 5

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TA' L-ATTI TAL-KUNSILL
MEJJU 2005

Dan id-dokument fih:

- fl-**Anness I**, sommarju ta' l-atti leġislattivi definittivi adottati mill-Kunsill f'Mejju 2005. Dan is-sommarju huwa akkumpanjat, fl-**Anness II**, mid-dikjarazzjonijiet għall-minuti aċċessibbli għall-pubbliku. Isemmi wkoll il-voti kontra u l-astensjonijiet li seta' kien hemm, l-ispedji ta' vot, kif ukoll ir-regoli ta' vot.
- Fl-**Anness III**, sommarju ta' l-atti l-oħra¹ adottati mill-Kunsill f'Mejju 2005, b'semmija, jekk ikun il-każ, tar-riżultati tal-vot, l-ispedji tal-vot u d-dikjarazzjonijiet li l-Kunsill iddeċieda li jagħmel pubbliċi.

Dan id-dokument huwa wkoll aċċessibbli permezz tas-sit ta' l-Internet: ("<http://ue.eu.int>"), taħt "Dokumenti", "Summary of Council Acts".

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta' l-atti leġislattivi li huma awtentiċi. L-estratti mill-minuti in kwistjoni jistgħu jinkisbu mis-servizz Trasparenza: ("transparency@consilium.eu.int").

¹ Ħlief għal ċerti atti ta' portata limitata bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti permezz ta' ftehim internazzjonali, deċiżjonijiet speċifiċi dwar il-budget, eċċ.

MEJJU 2005			
ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJE T	VOTI/SPJEGI TAL-VOT U REGOLI TA' VOTAZZJONI
L-2658 laqgħa tal-Kunsill (KOMPETITTIVITÀ (Suq Intern, Industrija, Riċerka) fl-10 ta' Mejju 2005 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskji u l-kontroll ta' sustanzi psikoattivi ġodda	7003/05 + COR 1 (en)	42/05	Unanimità
L-2659 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni) fit-23 ta' Mejju 2005 Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2454/93 tal-Kummissjoni li jistipula xi disposizzjonijiet sabiex jiġi implimentat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi tad-Dwana Komunitarju	7882/05 + COR 1 (de) + REV 1 (lt) + REV 2 (hu) + REV 3 (el)		Maġġoranza kwalifikata

MEJJU 2005			
ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJIE T	VOTI/SPJEGI TAL-VOT U REGOLI TA' VOTAZZJONI
L-2661 laqgħa tal-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ u Kultura) fit-23 u l-24 ta' Mejju 2005 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema sabiex jiġu ffixxati l-ħtiġiet ta' "<i>eco-design</i>" applikabbli għall-prodotti li jikkunsmaw l-enerġija u li temenda d-Direttiva 92/42/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 96/57/KE u 2000/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/32/KE fir-rigward tal-kontenut ta' kubrit f'karburanti għal użu marittimu L-2662 laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fit-30 ta' Mejju 2005 Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 27/2005, dwar opportunitajiet ta' sajd fl-ibħra tal-Groenlandja, tal-Gżejjer Faroe u ta' l-Islanda u s-sajd għall-merluzz fil-Baħar tat-Tramuntana, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2270/2004, dwar l-opportunitajiet ta' sajd għall-klieb il-baħar tal-fond u r-<i>roundnose grenadier</i>	Ref. Dok. 8014/05 + ADD 1 + ADD 1 COR 1 (fr) PE-CONS 3618/05 Ref. Dok. 7952/05 + REV 1 (fi) PE-CONS 3619/05 8877/05 + REV 1 (lv)	43/05 44/05, 45/05 46/05, 47/05, 48/05, 49/05, 50/05, 51/05	Maġġoranza kwalifikata Kontra IT, MT Maġġoranza kwalifikata Kontra DK, LT Maġġoranza kwalifikata

MEJJU 2005			
ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJE T	VOTI/SPJEGI TAL-VOT U REGOLI TA' VOTAZZJONI
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 999/2001 li jistabblixxi regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-erradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatija sponġiformi li jittieħdu f'dak li jikkonċerna l-prolongazzjoni tal-perijodu ta' applikazzjoni tal-miżuri transitorji	PE-CONS 3620/05 + COR 1 (lt) + COR 2 (lv)		Maġġoranza kwalifikata
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1868/94 li jistabblixxi sistema ta' kwoti f'dak li għandu x'jaqşam mal-produzzjoni ta' lamtu tal-patata	5494/05 + ADD 1 (en)	52/05	Kontra IT, PL, LT Maġġoranza kwalifikata

DIKJARAZZJONI 42/05**Dikjarazzjoni tal-Kunsill**

- "a. Fil-kondizzjonijiet previsti fl-Artikolu 4 (2), il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod rapidu u, jekk possibbli, fi żmien sitt ġimgħat mid-data li fiha huwa jirċievi proposta bil-għan li tiġi introdotta talba lill-Europol u lill-EMCDDA, skond l-Artikolu 5 (1).
- b. Il-Kunsill huwa tal-fehma li l-proċedura prevista fl-Artikolu 8 għandha tiġi kkompletata fi żmien li ma jeċċedix, fil-prinċipju, sittax-il ġimgħa mid-data li fiha l-Kunsill jirċievi inizjattiva.
- ċ. Il-Kunsill huwa tal-fehma li l-inizjattivi taħt l-Artikolu 8 (2) jistgħu jittieħdu minn diversi Stati Membri li jaġixxu flimkien sabiex isaħħu l-effikaċja tal-proċedura."

DIKJARAZZJONI 43/05

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

“Mingħajr preġudizzju għall-eżitu tal-proċess ta' ratifikazzjoni tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, il-Kummissjoni ser teżamina l-kwistjoni ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 36 u 37 tal-Kostituzzjoni fir-rigward ta' din id-Direttiva Kwadru.”

Dikjarazzjoni mill-Italja u minn Malta

“L-Italja u Malta jagħrfu l-ħtieġa, li fuqha hi bbażata d-Direttiva dwar il-kontenut ta' kubrit f'karburanti għal użu marittimu, biex jitnaqqas it-tniġġis ta' l-atmosfera u l-ħsara li dan jgħliq għas-saħħa u għall-ambjent.

Madanakollu, l-Italja u Malta jemmnu li din id-Direttiva mhix ibbażata fuq evalwazzjoni xierqa ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji involuti, u li b'mod partikolari ma tieħux kont biżżejjed ta' l-ispeċifità tar-reġjun tal-Mediterran.

Barra minn hekk, id-Direttiva tista' toħloq ukoll effetti kontroproduttivi, anke mill-aspett ambjentali, billi tikkawża żieda fl-ispejjeż fil-fażi delikata ta' l-introduzzjoni ta' sistemi ta' trasport li huma alternattivi għat-traffiku tat-triq.

Għalhekk id-Direttiva tmur kontra l-miżuri mħeġġa fil-Komunità, li huma intenzi biex jiffavorixxu u mhux biex ixekklu bidla modali lejn ir-rotot marittimi; l-impatt tat-trasport marittimu fuq l-ambjent, iżda b'mod speċjali fuq is-saħħa tal-bniedem, huwa wisq inqas minn dak ta' mezzi oħra ta' trasport. B'konsegwenza, l-Italja u Malta jivvutaw kontra din id-Direttiva.”

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

“Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni, fil-qafas tar-reviżjoni meħtieġa mill-Artikolu 7 ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li teżamina l-vantaġġi minn:

- l-għażla ta' żoni ġodda ta' kontroll ta' l-emissjonijiet tad-diossidu tal-kubrit kif definit mill-IMO fl-ibħra ta' l-UE;
- it-tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit fil-karburanti marittimi għal 0.5% jew inqas, f'żoni tal-baħar partikolari, għal tipi jew bnadar partikolari ta' bastimenti, jew għal rottot partikolari; u
- l-użu ta' strument(i) ekonomiċi li jħeġġu l-ksib ta' dan il-limitu.

Fit-twettiq ta' din ir-reviżjoni, il-Kummissjoni ser tieħu kont ta':

- żviluppi tekniċi mwettqa fil-qasam ta' l-ipproċessar tar-raffinerija u t-tindif tal-gassijiet ta' l-*exhaust*;
- l-effettività ta' l-ispejjeż tat-tnaqqis ta' emissjonijiet tal-bastimenti paragonat ma' emissjonijiet terrestri;
- il-ħtieġa li tiġi evitata l-eżistenza ta' kompetizzjoni inġusta bejn il-bastimenti ta' l-UE u l-bastimenti li jtajjru bandiera barranija;
- it-titjib mistenni fil-qasam tat-tnaqqis tal-konsum tal-karburant tal-bastimenti;
- it-tkabbir mistenni fit-traffiku marittimu; u
- il-progress fil-ħidma fi ħdan l-Organizzazzjoni Internazzjonali Marittima."

DIKJARAZZJONI 46/05

Dikjarazzjoni komuni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

“Il-Kunsill u l-Kummissjoni jemmnu li l-effikaċja ġenerali ta' l-iskema ta' maniġġar ta' l-isforz tista' tiġi msaħħa biex thegheg sajd aktar sostenibbli, inkluż permezz ta' l-użu ta' tagħmir aktar selettiv. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu kont ta' dan l-element fil-qafas ta' revizzjoni ġenerali tal-miżuri tekniċi u biex tippreżenta, jekk ikun hemm bżonn, proposti xierqa bil-għan li jiġu modifikati l-pjanijiet ta' rkupru għall-2006.”

DIKJARAZZJONI 47/05

Dikjarazzjoni tad-delegazzjoni Spanjola

“B'rispett għall-proposta tal-Kummissjoni, aċċettata mill-Kunsill, bil-għan li jiżdied it-TAC ta' l-ispeċi li huma maqbuda b'mod anċillari sabiex jiġi evitat ir-rimi bla bżonn, id-Delegazzjoni Spanjola titlob li, jekk ikun hemm sitwazzjonijiet simili għal speċi oħra, il-Kummissjoni tieħu l-istess inizzjattiva li tkun haċet f'dan il-każ.”

DIKJARAZZJONI 48/05

Dikjarazzjoni tad-delegazzjoni Daniża

Fir-rigward tal-proposta li tiġi modifikata d-deroga applikabbli għall-bastimenti li jużaw twieqi b'xibka bil-kwadri ta' 120mm (tabella II ta' l-Anness IVa)

“Id-Danimarka temmen li l-iskema ibbażata fuq in-numru ta' ġranet fil-baħar għandha thegheg lis-sajjieda biex jużaw tagħmir aktar selettiv biex ikun limitat il-qbid tal-merluzz. Id-Danimarka hija konvinta li xibka tat-tkarkir b'pannell bi twieqi kwadri tax-xibka ta' daqs ta' 120mm hija tagħmir aktar selettiv mit-tagħmir li jintuża fost oħrajn fil-Baħar tat-Tramuntana. Għalhekk, id-Danimarka jiddispjaċiha li l-**Baħar tat-Tramuntana** huwa eskluż mid-deroga dwar l-użu ta' pannell selettiv bi twieqi kwadri tax-xibka ta' daqs ta' 120 mm.”

DIKJARAZZJONI 49/05

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni tar-Renju Unit

“Ir-Renju Unit jilqa’ b’soisfazzjon id-Dikjarazzjoni Konġunta adottata mill-Kunsill u l-Kummissjoni dwar it-tisħiħ ta’ l-effikaċja ġenerali ta’ l-iskema ta’ maniġġar ta’ l-isforz biex jiġi mhegġegħ sajd aktar sostenibbli. Ir-Renju Unit jifhem b’din id-dikjarazzjoni li fir-rigward ta’ l-istokkijiet li għandhom jiġu rkuprati, il-Kunsill u l-Kummissjoni ser iħeġġu tipi ta’ sajd aktar sostenibbli u, b’mod partikolari iżda mhux biss, l-użu ta’ tagħmir tas-sajd aktar selettiv.”

Dikjarazzjoni tad-delegazzjoni Latvjana

“Il-Latvja tilqa’ l-objettiv tal-Kummissjoni Ewropea bil-għan li jiġu introdotti l-miżuri l-aktar xierqa favur maniġġar sostenibbli ta’ l-istokkijiet tal-ħut, li għandhom jinkludu proċess trasparenti ta’ stabbiliment ta’ TACs u ta’ allokazzzjoni ta’ kwoti.

Madankollu, b’kont meħud tal-ħtieġa tas-salvagwardja ta’ attivitajiet tas-sajd stabbli u sostenibbli fi ħdan il-Komunitajiet Kostali, mhux aċċettabbli għall-Latvja li l-kwota allokata fil-bidu għar-*roundnose grenadier* fid-diviżjonijiet ta’ l-ICES Vb, VI u VII tiġi mħassra fin-nofs tas-sena tas-sajd. Bidla daqshekk sostanzjali tal-possibbiltajiet ta’ sajd ser taffetwa b’mod negattiv lis-sajjieda li jistgħu jkunu diġà bdew iħejju ruħhom biex jisfruttaw il-kwota allokata. Għalhekk, il-Latvja hi tal-fehma li l-korrezjonijiet meħtieġa għandhom isiru biss għas-sena ta’ sajd li jmiss.

Barra minn hekk, il-fatt li l-Kummissjoni ma tatx spjegazzjoni f’waqtha u ċara dwar l-iżball ta’ kalkolu fir-rigward tal-kriterju ta’ allokazzzjoni tal-kwota ta’ merluzz tal-Baħar Baltiku ma ppermettiex lill-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) biex jadotta, matul is-sessjoni tiegħu ta’ Diċembru 2004, deċiżjonijiet b’mod trasparenti u b’għarfien tal-fatti kollha.

Għalhekk, b’kont meħud ta’ dak imsemmi hawn fuq, il-Latvja tivvota kontra l-emendi għar-Regolament dwar it-TACs u l-Kwoti għall-2005 u għar-Regolament dwar Opportunitajiet ta’ Sajd għall-Ispeċi tal-Baħar fond għall-2005 u l-2006 [(KE) Nru 27/2005 u (KE) Nru 2270/2004)]; barra minn hekk, il-Latvja tenfasizza l-ħtieġa li jiġu żgurati aktar trasparenza u ċarezza meta jiġu elaborati u diskussi l-proposti leġislattivi."

DIKJARAZZJONI 51/05

Kontra-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni wara d-dikjarazzjoni tal-Latvja dwar l-ewwel emenda tat-TACs u l-Kwoti.

“Il-Kummissjoni taf bil-kwistjoni mqajma mill-Ministru Latvjan. Fil-25 ta' April li għadda, il-Kummissarju Borg bagħtlu ittra fejn spjega fid-dettall ir-raġunijiet għall-kwoti attribwiti lil-Latvja fil-Kunsill ta' Diċembru 2004, għalhekk il-Kummissjoni tikkonsidra li hi pprovdiet spjegazzjonijiet suffiċjenti.

Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-allokazzjonijiet miftiehma għall-merluzz u l-aringi Baltiċi huma applikabbli biss għall-2005. L-allokazzjoni ta' dawn il-kwoti għall-2006 ser tkun diskussa matul din is-sena, u l-Latvja ser ikollha bosta opportunitajiet sabiex tippreżenta l-opinjonijiet u l-pożizzjonijiet tagħha dwar din il-kwistjoni.”

DIKJARAZZJONI 52/05

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

“Il-Kummissjoni hija lesta teżamina t-talbiet tal-Polonja u tal-Litwanja għal reviżjoni tal-kwoti tagħhom ta’ lamtu mill-patata fil-qafas tar-reġim li ser jiġi stabbilit wara l-estensjoni għal sentejn tal-kwoti attwali.”

MEJJU 2005	
ATTI OĦRA	Voti magħmula pubbliċi
Proċedura bil-miktub ikkompletata fit-2 ta' Mejju 2005	
Azzjoni Komuni tal-Kunsill dwar il-missjoni ta' l-Unjoni Ewropea biex ttipprovdi parir u assistenza għar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (DRC) Doc. 7940/05 + COR 1 (en)	
L-2658 laqgħa tal-Kunsill (KOMPETITTIVITÀ (Suq Intern, Industrija, Riċerka) fl-10 ta' Mejju 2005	
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipat ta' l-Andorra Doc. 12913/1/04 REV 1 + REV 1 COR 1	
Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti antibijotiċi bi spettru wiesgħa li joriġinaw mill-Indja Dok. 7650/05	Kontra DK, SE Astenzjoni FI
Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda, f'dak li jikkonċerna l-kummissarji għall-kontijiet esterni tal-Bank Nazzjonali tal-Belġju/Nationale Bank van België u tal-Bank tal-Greċja, d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar il-kummissarji għall-kontijiet esterni tal-Banek Ċentrali nazzjonali Dok. 8311/05	
Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2001/80/PESK li tistabbilixxi l-Persunal Militari ta' l-Unjoni Ewropea Dok. 8159/05	
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' protokoll addizzjonali għall-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-ażżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakkja Dok. 13286/04	

MEJJU 2005	
ATTI OĦRA	Voti magħmula pubbliċi
Proċedura bil-miktub ikkompletata fl-20 ta' Mejju 2005 Deċiżjoni meħuda bi ftehim konġunt, fil-livell ta' kapi ta' Stat jew ta' gvern, mill-gvernijiet ta' l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, li taħtar membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew. Dok. 6995/05 L-2659 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni) fit-23 ta' Mejju 2005 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' protokoll għall-Ftehim interimarju dwar il-kummerċ u l-miżuri ta' akkumpanjament bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Libaniża, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka Doc. 8328/05 + COR 1 (es) Regolament tal-Kunsill li jġib fit-term ir-reviżjoni interim parzjali tal-miżuri ta' <i>antidumping</i> applikabbli għall-importazzjonijiet tal-karbur tas-silikon li joriġina mill-Ukraina Dok. 8474/05 Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi dazju definittiv ta' <i>antidumping</i> fuq l-importazzjonijiet ta' l-ossidu tal-manjesju li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina Dok. 8181/05	Kontra NL, EE, FI, SE

MEJJU 2005	
ATTI OĦRA	Voti magħmula pubbliċi
L-2661 laqgħa tal-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ u Kultura) fit-23 u l-24 ta' Mejju 2005 Regolament tal-Kunsill li jġib fit-term ir-reviżjoni interim parzjali tal-miżuri ta' <i>antidumping</i> applikabbli għall-importazzjonijiet tas-silikon li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina Doc. 8493/05 + COR 1 (en) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-indikaturi l-ġodda fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ Dok. 8813/05 Risoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri, mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar il-bilanċ ta' l-azzjonijiet imwettqa fil-qafas tal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh Dok. 8520/05 Risoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri, mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-implimentazzjoni ta' l-oġettiv komuni "Inkabbru l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fis-sistema tad-demokrazija rappreżentattiva" Dok. 8522/05 Risoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' l-oġettivi komuni fil-qasam ta' l-informazzjoni liż-żgħażaġh Dok. 8521/05 L-2662 laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fit-30 ta' Mejju 2005 Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-ađeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Varjetajiet Ġodda tal-Pjanti, riveduta f'Ġinevra fid-19 ta' Marzu 1991 Doc. 8824/05 + COR 1 (es)	Kontra LT, PL, SI

MEJJU 2005	
ATTI OĦRA	Voti magħmula pubbliċi
Relazzjonijiet mat-Turkija - Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2500/2001 sabiex tkun possibbli l-implimentazzjoni ta' l-għajnuna Komunitarja b'konformità ma' l-Artikolu 54(2)(ċ), tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 Doc. 7110/05 + REV 1 (en) Relazzjonijiet ma' l-Istati ACP u l-OCTs - Deċiżjoni tar-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill li tistabbilixxi d-data ta' limitu għall-impenn tal-fondi tad-9 Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF) Dok. 7226/05 Is-Sudan - Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi fir-rigward tas-Sudan u li tabroga l-Pożizzjoni Komuni 2004/31/PESK Dok. 8383/05 - Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 131/2004 li jimponi xi miżuri restrittivi fir-rigward tas-Sudan Dok. 8368/05	